# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 29 ta' Ottubru 2015**

**Kawza Numru : 18**
**Rikors Guramentat Numru : 51/2015/LSO**

**Joanne Monsigneur maghrufa wkoll bhala Joanne Muscat Monsigneur u bhala Joanne (Josephine Anne) Muscat [I.D. numru 210065M]**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ l-attrici datat 20 ta’ Jannar 2015 fejn esponiet: -

Illi l-esponenti twieldet bhala Joanne (Josephine Anne) Monsigneur hekk kif jirrizulta mic-Certifikat tat-Twelid taghha [Dok. A].

Illi fil-21 ta' Gunju 1986, l-esponenti zzewget lil Emanuel Muscat u saret maghrufa bhala Joanne Muscat.

Illi matul il-hajja mizzewga, l-esponenti applikat ghall-iskema mahruga mid-Direttur intimat u ghazlet li ssir maghrufa bhala Joanne Muscat Monsigneur.

Illi meta l-esponenti sseparat legalment minn zewgha fl-4 ta' Settembru, 2003, permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Elsa Cardona, hija baqghet tuza l-istess isem u kunjom, ossija Joanne Muscat Monsigneur [Dok. B].

Illi wara li Emanuel Muscat applika ghad-divorzju barra minn Malta u ottjena l-istess divorzju [Dok. C], huwa rregistra dan id-divorzju ma' l-intimat Direttur fis-27 ta' Dicembru 201 1 u ghamel l-annotazzjonijiet mehtiega fl-Att taz-Zwieg relattiv [Dok. D].

Illi wara r-registrazzjoni tad-divorzju, l-esponenti regghet saret maghrufa bil-kunjom xbubitha, ossija bhala "Joanne Monsigneur". Fil-fatt il-karta tal-identita' relattiva tal-esponenti tindika bhala isem l-esponenti Joanne Monsigneur [Dok. E].

Illi *inoltre* d-dokumentazzjoni kollha ufficjali relattiva ghall-esponenti, jindikaw lill-esponenti bhala Joanne Monsigneur, inkluz kontijiet, sptarijiet u banek, hekk kif jirrizulta mill-annessi dokumenti [Dok X].

Illi recentement l-esponenti giet infurmata li isimha u kunjomha mal-intimat ghadu ndikat bhala Joanne (Josephine Anne) Muscat.

Illi r-rikorrenti ghandha nteress skont il-ligi, *inter alia ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kap. 16, li ssir id-debita korrezzjoni.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, ir-rikorrent umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-isem li bih l-esponenti hija konsistentement maghrufa huwa "Joanne" u mhux "Joanne (Josephine Anne)".

2. Tiddikjara li l-kunjom li bih l-esponenti hija konsistentement maghrufa huwa "Monsigneur" u mhux "Muscat" jew "Muscat Monsigneur".

3. Tordna li l-atti kollha pubblici relattivi ghall-esponenti jigu korretti u jsiru l-annotazzjonijiet kollha mehtiega fl-istess atti fis-sens li kull fejn hemm indikat isem l-esponenti dan ghandu jidher biss bhala "Joanne", filwaqt li kull fejn

hemm indikat kunjom l-esponenti dan ghandu jidher biss bhala "Monsigneur".

4. Tati kull provvediment iehor li din l-Onor. Qorti jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi tal-kaz.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-11 ta’ Gunju 2015.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 8 ta’ Jannar 2015 (fol 35) fejn Dr. Mariella Silvio ghan-nom u in rapprezentanza ta’ l-istess Direttur bil-gurament taghha esponiet bil-qima u bil-ġurament tagħha dan li ġej:

1. Illi *in limine litis* ukoll huwa mehtieg li ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi minghajr pregudizzju l-esponent jirrileva wkoll li fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti ma’ hemm ebda zball li jrid jigi ikkorregut. Id-dettalji li tnizzlu fl-att tat-twelid in kwistjoni huma skont dawk dikjarati mid-dikjarant li kienet ommha stess. B'dan ghalhekk sabiex il-premessi tal-azzjoni taghha jigu mibdula b'mod li jinkwadraw perfettament ruhhom taht il-parametri tal-ligi msemmija fl-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta t-talbiet attrici ghandhom ikunu fis-sens li :

a. titlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-attrici maghtul hajjitha kienet konsistentement imsejha u maghrufa bl-isem ta’ "Joanne Monsigneur".

3. Illi bla hsara ghal premess ir-rikorrenti trid tispecifika <u>ezattament</u> liema huma l-atti ta' l-istat civili apparti l-att tat-twelid taghha li fihom hija trid li tali bidla, jekk tigi akkordata minn din l-Onorabbli Qorti, tigi riflessa. L-atti jridu jigu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattivi taghhom.

4. Illi bla hsara ghall-premess, ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talba u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

5. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma t-Tlieta, 14 ta' Lulju 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Ruth Scott ghall-attrici prezenti u Dr. Stephanie Borg ghad-Direttur Intimat.

Xehdet bil-gurament taghha l-attrici, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Dr. Ruth Scott iddikjarat li ma ghandhiex provi ulterjuri. Dr. Borg irrimettiet ruhha ghar-risposta u ghall-atti esebiti, u d-difensuri tal-partijiet qablu li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Ottubru 2015 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-artikoli **253 *et sequitur*** tal-Kodiċi Ċivili li jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-reġistrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat ċivili billi jigi sostitwit l-isem jew ismijiet li bihom il-persuna hija konsistentement maghrufa.

Ghal dak li jirrigwarda l-isem tar-rikorrenti, tali talba tirnexxi jekk ir-rikorrenti tipprova ghas-soddisfazzjon tal-Qorti li hija konsistentement maghrufa bl-isem "Joanne" minflok "Joanne (Josephine Anne)".

Inoltre r-rikorrenti qed titlob li l-kunjom li ilha konsistentement maghruf bih huwa "Monsigneur" u mhux "Muscat Monsigneur."

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap.16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fit-30 ta' April 2015

(fol.29-30) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma kemmxejn partikolari. Ir-rikorrenti izzewget lill-Emanuel Muscat fil-21 ta' Gunju 1986 (**Dok.A)** u konsegwentement assumiet kunjomu. Tul iz-zwieg applikat sabiex izzid kunjom xbubitha, Monsigneur, ma’ kunjom zewgha u b'hekk kunjomha kien 'Muscat Monsigneur'. Sussegwentement isseparat legalment izda ma irrivertietx ghal kunjom xbubitha (**Dok. B**) u b'hekk baqghet bil-kunjom 'Muscat Monsigneur'. Hi u zewgha iddivorzjaw (**Dok.C u D)** u saret maghrufa bil-kunjom taghha ta' xebba 'Monsigneur'. Madanakollu giet infurmata li kunjomha ghadu jidher bhala 'Muscat Monsigneur ' fir-registru civili ta' Malta.

Riferibbilment ghall-isimha (*prenom)* ir-rikorrenti irnexxielha tipprova li hija konsistentement maghrufa bl-isem Joanne u mhux Josephine Anne. In sostenn tat-talba taghha f'dak li jirrigwarda l-isem, esebiet diversi dokumenti mahruga minn varhji dipartimenti governativi u agenziji, inkluz kopja tal-Karta tal-Identita`taghha, mill-*employer* taghha, minn Banek lokali, mill-assikurazzjoni, u dokumenti ohra. Dawn ukoll huma intestati f'isimha bil-kunjom ' Monsigneur' minghajr ma dan huwa aggunt mal-kunjom ta' zewgha, u b'hekk jikkorroboraw ukoll il-premessa li hija konsistentement maghrufa b'kunjom xbubitha biss.

B'nota pprezentata fis-16 ta' April 2015, ir-rikorrenti esebiet is-segwenti certifikati b'riferenza ghat-tielet (3) talba taghha u cioe`:

Att tat-Twelid ta' bintha Yasmin - Numru 4262/1995 (**Dok. JM1**);
Att tat-Twelid ta' binha Nigel - Numru 2797/1993 (**Dok. JM2**);
Att tat-Twelid taghha - Numru 2100/1965 (**Dok. JM3);**
Att taz-Zwieg taghha ma' Emanuel Muscat - Numru 1024/1986 (**Dok. JM4**);

Ikkonsidrat li t-talba taghha ghat-tibdil ta' isimha hija gustifikata fic-cirkostanzi u ser tigi milqugha.

B'riferenza ghall-kunjom ir-rikorrenti, ikkonsidrat li r-ragel tar-rikorrenti applika ghad-divorzju fir-Renju Unit. Skont l-**artikolu 66L(4)(c) tal-Kodici Civili,** id-dispozizzjoni tal-artikolu **62 tal-istess Kodici** japplika *mutatis mutandis* ghad-divorzju ppronunzjat mill-Qorti kompetenti f'Malta. Huwa l-artikolu 62 li jirregola l-kunjom tal-mara mizzewga wara li jigi tterminat iz-zwieg b'separazzjoni personali u, b'effett tal-applikazzjoni imsemmija, anke f'kaz li z-zwieg jinhall b'sentenza ta' divorzju.

Izda fil-kaz odjern, ir-rikorrenti ghazlet li zzomm kunjom zewgha mas-separazzjoni konsenswali billi ma ghamlitx dikjarazzjoni ta' reverzjoni fil-kuntratt . Inoltre d-divorzju gie ppronunzjat barra minn Malta u ma jirrizultax li ressqet xi talba fir-rigward ta' kunjomha.

Madanakollu l-Qorti, hi tal-fehma li hemm *lacuna* fil-ligi applikabbli ghall-hall taz-zwieg li jsir fl-esteru u billi z-zwieg

tar-rikorrenti inhall, ma ssib l-ebda raguni legali u fattwali sabiex ghandha tigi kostretta li tirritjeni kunjom zewgha.

Difatti anke b'applikazzjoni tal-giurisprudenza l-aktar recenti tal-Qrati taghna, it-talba attrici la hija wahda fiergha, u lanqas pregiudizzjevoli ghall-terzi. (Ara sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Louis George Padovani Ginies vs Direttur tar-Registru Pubbliku** moghti fid-29 ta' Settembru 2015 u l-giurisprudenza hemm ccitata).

Ghaldaqstant anke din it-talba hija gustifikata salv li l-korrezzjoni mitluba ghandha tigi inserita biss f'dawk l-atti sussegwenti ghar-registrazzjoni tad-divorzju fir-Registru Pubbliku ta' Malta, cioe` wara s-sebgha u ghoxrin (27) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hdax(2011).

Taqbel li ma sarx zball da parti tal-intimat u ghalhekk ser tilqa' l-eccezzjoni tieghu fuq il-kap tal-ispejjez.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi tiddisponi mit-talbiet attrici skont dan li gej:

1. **Tilqa' l-ewwel talba** u tiddikjara li l-isem li bih l-esponenti hija konsistentement maghrufa huwa "Joanne" u mhux "Joanne (Josephine Anne)".

2. **Tilqa'** t-tieni talba u tiddikjara li l-kunjom li bih l-esponenti hija konsistentement maghrufa huwa "Monsigneur" u mhux "Muscat" jew "Muscat Monsigneur".

3. **Tilqa'** it-tielet talba u tordna li jsiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha mehtiega fl-atti hawn taht imsemmija fis-sens li kull fejn hemm indikat isem l-esponenti dan ghandu jidher biss bhala "Joanne" minnflok "Joanne (Josephine Anne)"u dana fis-segwenti atti:

i. Att tat-Twelid ta' bintha Yasmin - Numru 4262/1995 (**Dok. JM1**);
ii. Att tat-Twelid ta' binha Nigel - Numru 2797/1993 (**Dok. JM2**);
iii. Att tat-Twelid taghha - Numru 2100/1965 (**Dok. JM3**);
iv. Att taz-Zwieg taghha ma' Emanuel Muscat - Numru 1024/1986 (**Dok. JM4**);

Inoltre ghandha ssir annotazzjoni li r-rikorrenti hija konsistentement maghrufa b'kunjom xbubitha u cioe` bil-kunjom Monsigneur.

Billi ebda wiehed minn dawn l-atti huwa sussegwenti ghad-divorzju, ma hemmx lok ghall-korrezzjoni fil-kunjom tar-rikorrenti muri fuqhom salv li ghandha ssir l-annotazzjoni imsemmija kull fejn hu mehtieg sabiex tirrifletti t-tieni talba hawn milqugha.

4. Fir-rigward tar-raba' talba l-Qorti tordna lill-intimat sabiex jassigura li l-kunjom tar-rikorrenti huwa registrat bhala 'Monsigneur' u mhux 'Muscat Monsigneur' u sabiex jirrifletti ghall-finijiet tal-atti registrati minnu li dan l-ahhar kunjom m'ghadux kunjom ir-rikorrenti b'effett mis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011).

Il-Qorti tordna wkoll *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' *Malta*** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi in gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur u ssir wkoll riferenza ghall-istess sentenza kif imfisser fl-imsemmi dispozizzjoni tal-Ligi.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**29 ta' Ottubru 2015**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**29 ta' Ottubru 2015**